**76. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor Eddie Fenech Adami, ippropona illi:-**

Din il-Kamra tinnota:

Illi bil-konklużjoni tal-Konferenza Intergovernattiva ta' l-Unjoni Ewropea f'Ġunju li għadda, bil-firma tat-Trattat ġdid ta' Amsterdam, u bil-pubblikazzjoni ta' *Agenda 2000* mill-Kummissjoni Ewropea fis-16 ta' Lulju, qam dibattitu ġdid dwar kif u meta se jsir it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea;

Illi sad-data li fiha l-Gvern Malti avża lill-Kunsill tal-Ministri ta' l-Unjoni Ewropea li Malta ma kinetx interessata aktar li tmexxi 'l quddiem it-talba tagħha, Malta kienet meqjusa l-iktar ippreparata għas-sħubija;

Illi anke fost il-membri ta' din il-Kamra jirriżulta li hemm apprezzament ġdid dwar l-effetti għal Malta bi dħul fl-Unjoni Ewropea u dan anke fil-kuntest ekonomiku u finanzjarju ta' Malta llum;

Illi l-opinjoni pubblika wkoll tidher li qed tapprezza aktar il-vantaġġi tat-triq tas-sħubija u korpi kostitwiti fil-maġġoranza tagħhom baqgħu jisħqu favur it-triq tas-sħubija;

Illi fis-*summit* tal-Lussemburgu f'Diċembru li ġej se tiġi deċiża d-data fil-qrib għall-bidu ta' negozjati ma' pajjiżi applikanti, negozjati li għalihom Malta hija diġa' intitolata skond deċiżjonijiet diġa' meħuda mill-Kunsill Ewropew ta' Cannes f'Ġunju, 1995;

Illi din il-Kamra għalhekk tirriżolvi li l-Gvern għandu jwaqqaf immedjatament Kummissjoni biex tirrapporta fi żmien xahar jekk huwiex fl-interess nazzjonali li, f'dawn iċ-ċirkostanzi ġodda, Malta terġa' tinsisti fuq it-talba tagħha għal sħubija.

02.10.97

**Il-Prim Ministru ressaq din l-Emenda:-**

Neħħi l-kliem li jiġu wara "fis-16 ta' Lulju" u daħħal flokhom dan li ġej:

"qed jitwettqu uħud mil-linji għal tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, li kienu diġa' magħrufa sa minn qabel l-elezzjoni Maltija ta' Ottubru 1996 u għalhekk waqt li:

TAWGURA kull suċċess fit-twettiq tat-Trattat ta' Amsterdam, u ta' Aġenda 2000: TAGĦRAF kif dawn id-dokumenti bl-ebda mod ma jaffettwaw il-linji tal-ftehim li l-Gvern Malti għandu jfittex li jkollu ma' l-Unjoni Ewropea.

GĦALHEKK:

Dil-Kamra tar-Rappreżentanti,

KONXJA mill-vokazzjoni Ewropea u Mediterranea ta' Malta, u f'impenn biex tiżgura li l-ġens Malti jagħti l-aqwa kontribut lejn l-għaqda bejn il-popli ta' l-Ewropa u l-popli tal-Mediterran;

SĦIĦA fil-fehma li l-Unjoni Ewropea hi fattur ewlieni għall-iżvilupp, l-integrazzjoni u l-progress ta' l-Ewropa, għanijiet li jistħoqqilhom kull appoġġ;

UGWALMENT SĦIĦA fil-viżjoni li l-għaqda bejn il-popli u l-pajjiżi tal-Mediterran hi ideal meħtieġ fir-reġjun, li jrawwem il-paċi u l-prosperita';

B'RIEDA SODA li tħares in-newtralita ta' Malta għax tara fiha mezz essenzjali li bih pajjiżna jikkontribwixxi għall-iżvilupp u għall-paċi fl-Ewropa u fil-Mediterran;

B'RIEDA UGWALMENT SODA li titwettaq kull miżura meħtieġa biex Malta timmodernizza 1-ekonomija mingħajr ma timmina l-istrutturi soċjali tagħha:

TIRRIAFFERMA d-deċiżjoni meħuda mill-poplu Malti u Għawdxi fl-elezzjonijiet ħielsa li saru fis-26 ta' Ottubru 1996, biex Malta jkollha l-aħjar relazzjoni ma' 1-Unjoni Ewropea skond iċ-ċirkostanzi politiċi, ekonomiċi u soċjali li jorbtu liż-żewġ naħat;

TISHAQ li fl-ewwel fażi u għal futur prevedibbli, din l-aħjar relazzjoni għandha tieħu l-forma ta' ftehim speċjali bejn Malta u l-Unjoni Ewropea li jkun jinkludi dawn il-protokolli:

L-ewwel: dwar koperazzjoni politika u fil-qasam tas-sigurta';

It-tieni: dwar il-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles bejn Malta u l-Unjoni Ewropea li fi żmien ta' bejn 5 għal 7 snin, tkopri tista' tgħid il-prodotti industrijali kollha bit-tneħħija minn Malta u mill-Unjoni Ewropea tal-miżuri protettivi li għadhom japplikaw fil-kummerċ bejn iż-żewġ naħat; u

It-tielet: dwar koperazzioni teknika, finanzjaria u soċjali;

TISTENNA li l-Gvern jagħmel mill-aħjar tiegħu biex jikkonkludi malajr kemm jista' jkun taħditiet ma' l-Unjoni Ewropea għat-twaqqif ta' l-arranġamenti msemmija li jieħdu l-forma tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni eżistenti msaħħaħ u mwessgħa kif xieraq;

TIDDIKJARA LI:

In-negozjati għal ftehim bħal dan għandhom isiru f'rispett sħiħ għar-rieda murija mill-poplu Malti fl-elezzjoni ta' 1-1996 u ma għandhomx jiġu mfixkla minn kunsiderazzjonijiet tekniċi u burokratiċi żejda;

TIDDIKJARA WKOLL LI:

It-triq li qed isegwi l-Gvern Malti -- bil-maqlub ta' kif mexa ta' qablu -- tirrispetta l-mandat elettorali mogħti lill-Gvern, mingħajr ma toħloq fatti irreversibbli li jxekklu fil-futur xi għażla differenti li demokratikament jista' jagħmel il-poplu Malti. Din it-triq għandha tiġi segwita f'konsultazzjoni kontinwa mal-forzi soċjali kollha konċernati li juru rieda tajba.

FL-AĦĦAR, DIL-KAMRA TIKKONFERMA li fi spirtu ta' ħbiberija mal-ġirien kollha tagħha, Malta tibqa' lesta li tagħmel dak kollu meħtieġ minnha biex taħdem skond il-mezzi u ċ-ċirkostanzi partikolari tagħha, favur il-paċi u l-għaqda fl-Ewropa u fil-Mediterran.

15.10.1997